

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1000****tad-9 ta' Lulju 2020****li jikkoreġi ċerti verżjonijiet tal-lingwa tar-Regolament (UE) Nru 1253/2014 li jimplementa d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti għall-ekodisinn tal-unitajiet ta' ventilazzjoni****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1) tagħha,

Billi:

- (1) Il-verżjonijiet tal-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Ġermaniża, Griega, Kroata, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Slovakka, Slovena, Spanjola, Taljana, Ungeriża u Żvediża tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1253/2014 <sup>(2)</sup> fihom żbalji fil-punt (g) tal-Artikolu 1(2) fir-rigward tal-unitajiet ta' ventilazzjoni li huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu. Dawk l-iżbalji jaffettwaw is-sustanza ta' dik id-dispożizzjoni.
- (2) Il-verżjoni tal-lingwa Maltija tar-Regolament (UE) Nru 1253/2014 fiha żball fil-punt (h) tal-Artikolu 1(2) fir-rigward tal-unitajiet ta' ventilazzjoni li huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu. Dak l-iżball jaffettwa s-sustanza ta' dik id-dispożizzjoni.
- (3) Il-verżjoni tal-lingwa Żvediża tar-Regolament (UE) Nru 1253/2014 fiha żball addizzjonali fil-punt 1(9) tal-Anness I, fil-punt 1(o) tal-Anness IV u fil-punt 1(o) tal-Anness V fir-rigward ta' wieħed mit-termi definiti għall-finijiet tal-Annessi II sa IX. Dak l-iżball jaffettwa s-sustanza ta' dawk id-dispożizzjonijiet.
- (4) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-verżjonijiet tal-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Ġermaniża, Griega, Kroata, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Slovakka, Slovena, Spanjola, Taljana, Ungeriża u Żvediża tar-Regolament (UE) Nru 1253/2014 jiġu kkoreġuti kif xieraq. Il-verżjonijiet tal-lingwa l-oħrajn mhumiex affettwati.
- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 19(1) tad-Direttiva 2009/125/KE,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (UE) Nru 1253/2014 huwa kkoreġut kif ġej:

1 Artikolu 1(2) huwa kkoreġut kif ġej:

il-punt (g) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(g) jinkludu skambjatur tas-sħana u pompa tas-sħana għall-irkupru tas-sħana, jew li tippermetti t-trasferiment jew l-estrazzjoni tas-sħana bħala funzjoni addizzjonali għas-sistema tal-irkupru tas-sħana, bl-eċċezzjoni tat-trasferiment tas-sħana għall-protezzjoni mill-ġlata jew għat-tneħħija tas-silġ;”;

il-punt (h) huwa sostitwit b'dan li ġej: “huma klassifikati bħala estratturi tal-kukers koperti mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 66/2014 <sup>(3)</sup> dwar l-apparat tal-ċina. <sup>(4)</sup>Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 66/2014 tal-14 ta' Jannar 2014 li jimplementa d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqşam mar-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-fran domestiċi, għall-ħobbs domestiċi u għall-estrataturi tal-kukers domestiċi (ĠU L 29, 31.1.2014, p. 33).”;

2. (ma japplikax għal-lingwa Maltija);
3. (ma japplikax għal-lingwa Maltija);
4. (ma japplikax għal-lingwa Maltija).

<sup>(1)</sup> ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10.<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1253/2014 tas-7 ta' Lulju 2014 li jimplementa d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti għall-ekodisinn tal-unitajiet ta' ventilazzjoni (ĠU L 337, 25.11.2014, p. 8).

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2020.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN

---